# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2258

## tal-4 ta' Diċembru 2015

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 dwar l-importazzjonijiet u t-tranżitu ta' kunsinni waħdiena ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis jew il-flieles ta' ġurnata tagħhom

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 23(1), 24(2), 25, 26(2) u 28(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tat-tjur, tal-bajd għat-tfaqqis, tal-flieles ta' ġurnata u tal-bajd speċifikat bla patoġeni ("il-prodotti") lejn l-Unjoni u għat-tranżitu ta' dawn il-prodotti minnha. Dak ir-Regolament jistipula li dawn il-prodotti għandhom jiġu importati biss lejn l-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kumpartimenti mniżżlin fit-tabella mogħtija fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

(2) L-Artikolu 5(1) u (3) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet u t-tranżitu ta' prodotti li, skont l-Artikolu 5(2), m'għandhomx japplikaw għall-kunsinni ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom.

(3) L-Artikolu 5(3)(d) ta' dak ir-Regolament jirreferi għar-restrizzjonijiet marbuta mal-approvazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' programm ta' kontroll tas-salmonella skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti minn pajjiżi terzi. L-istatus tal-kontroll tas-salmonella u r-restrizzjonijiet marbutin miegħu huma mogħtija fil-kolonna 9 tat-tabella mogħtija fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008.

(4) L-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li dan ir-Regolament ma japplikax għall-produzzjoni primarja tat-tjur għall-użu domestiku u privat jew għall-produzzjoni primarja li twassal għall-provvista diretta, mingħand il-produttur, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji għall-konsumatur finali jew għall-ħwienet lokali li jfornu l-prodotti primarji direttament lill-konsumatur finali.

(5) L-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti b'rabta mar-rekwiżiti wara l-importazzjoni kif speċifikat fl-Annessi VIII u IX ta' dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 14(2), dawn il-kundizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għall-kunsinni ta' inqas minn 20 unita ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom.

(6) Sabiex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi applikata bl-istess mod għall-importazzjonijiet tal-kunsinni waħdiena ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom, huwa xieraq li l-Artikoli 5 u 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 jiġu emendati sabiex jiġi ddefinit liema kundizzjonijiet għandhom jintlaħqu għal dawn il-kunsinni.

(7) L-emenda tal-Artikolu 5 għandha tipprevedi li r-rekwiżiti tal-Artikoli 6 u 7 dwar il-proċeduri ta' ttestjar fil-laboratorju u dwar ir-rappurtar tal-mard li japplikaw għall-importazzjonijiet tat-tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom, għandhom jintlaħqu wkoll fil-każ tal-importazzjonijiet fl-Unjoni u tat-tranżitu minnha ta' kunsinni waħdiena ta' inqas minn 20 unità ta' dawn il-prodotti, billi dawn il-miżuri jnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskju li jiddaħħal ċertu mard minn dawn il-prodotti.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1).

(8) L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat ukoll biex jindika li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' programm ta' kontroll tas-salmonella u r-restrizzjonijiet relatati għall-importazzjonijiet u t-tranżitu ma japplikawx għall-produzzjoni primarja tat-tjur għall-użu domestiku u privat jew għall-produzzjoni primarja li twassal għall-provvista diretta, mingħand il-produttur, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji għall-konsumatur finali jew għall-ħwienet lokali li jfornu l-prodotti primarji direttament lill-konsumatur finali. Madankollu, qabel ma jintbagħtu dawn il-kunsinni għandu jsir test tal-laboratorju kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008.

(9) Fejn jidħol l-istatus tal-kontroll tas-salmonella tal-pajjiż terz, fil-kolonna 9 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 għandha tiddaħħal in-nota 6 f'qiegħ il-paġna li tgħid li m'hemmx bżonn ikun hemm konformità mal-programmi tal-kontroll tas-salmonella bil-kundizzjonijiet ta' hawn fuq.

(10) Minħabba żviluppi xjentifiċi fit-tekniki tal-laboratorju u rekwiżiti legali ġodda, għandhom jiġu aġġornati r-rekwiżiti għat-teħid tal-kampjuni u għall-ittestjar tas-"Salmonella ta' importanza għas-saħħa pubblika" mogħtija fil-punt 7 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 u dawn għandhom ikunu jirreferu għall-protokoll tat-teħid tal-kampjuni stabbilit fil-punt 2.2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 ([1]).

(11) Iċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjonijiet u t-tranżitu tat-tjur tat-tgħammir u produttivi (BPP), tal-flieles ta' ġurnata (DOP) u tal-bajd għat-tfaqqis (HEP) ma jipprevedux iċ-ċertifikazzjoni għar-rekwiżiti speċifiċi li għandhom jintlaħqu għall-kunsinni ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit ċertifikat veterinarju mudell "LT20" li jkun fih ir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika li japplikaw għal dawn il-kunsinni.

(12) Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 għandha tiġi emendata biex fil-kolonna 4 jiġi indikat minn liema pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti jistgħu jiġu awtorizzati l-importazzjonijiet ta' kunsinni waħdiena ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom skont ir-rekwiżiti taċ-ċertifikat veterinarju mudell "LT20".

(13) Barra minn hekk, għandhom jiġu aġġornati r-referenzi għall-atti tal-Unjoni mogħtija fl-Annessi III, VIII u IX tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 li m'għadhomx jgħoddu.

(14) Għalhekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 qed jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 5 qed jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

**Il-kundizzjoniijiet għall-importazzjonijiet u t-tranżitu**

1. Il-prodotti li jiġu importati fl-Unjoni u li jgħaddu minnha għandhom jikkonformaw:

(a) mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 u fil-Kapitolu III;

(b) mal-garanziji addizzjonali kif speċifikati fil-kolonna 5 tat-tabella tal-Parti 1 tal-Anness I;

(c) mal-kundizzjonijiet speċifiċi mogħtija fil-kolonna 6 u, fejn ikun xieraq, mad-dati tal-għeluq u mad-dati tal-ftuħ mogħtija fil-kolonni 6 A u 6B tat-tabella tal-Parti 1 tal-Anness I rispettivament;

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 tal-10 ta' Marzu 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-serotipi ta' *Salmonella* f'qatgħat ta' adulti għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* (ĠU L 61, 11.3.2010, p. 1).

(d) mal-kundizzjonijiet marbutin mal-approvazzjoni ta' programm ta' kontroll tas-salmonella u mar-restrizzjonijiet relatati li għandhom japplikaw biss meta dan ikun indikat fil-kolonna x-xierqa tat-tabella tal-Parti 1 tal-Anness I; u

(e) mal-garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali, f'każ li l-Istat Membru ta' destinazzjoni jkun jitlob dan u f'każ li dawn jissemmew fiċ-ċertifikat.

2. Il-kundizzjonijiet li ġejjin mogħtija fil-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għall-kunsinni waħdiena ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom:

(a) il-punt (b);

(b) il-punt (d) meta dawn il-kunsinni jkunu intiżi għall-produzzjoni primarja tat-tjur għall-użu domestiku u privat jew għall-produzzjoni primarja li twassal għall-provvista diretta, mingħand il-produttur, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji kif imsemmi fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003."

(2) L-Artikolu 14 qed jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

**Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjonijiet tat-tjur, tal-bajd għat-tfaqqis u tal-flieles ta' ġurnata**

1. Minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli II u III, il-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw għall-importazzjonijiet:

(a) tat-tjur tat-tgħammir u produttivi minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom: ir-rekwiżiti moghtija fl-Anness VIII;

(b) tal-għasafar li ma jtirux għat-tgħammir u l-produzzjoni, tal-bajd għat-tfaqqis u tal-flieles ta' ġurnata tagħhom: ir-rekwiżiti moghtija fl-Anness IX.

2. Il-kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) m'għandhomx japplikaw għall-kunsinni waħdiena ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom. Madankollu, ir-rekwiżiti li japplikaw wara l-importazzjoni moghtija fit-Taqsima II tal-Anness VIII għandhom japplikaw għal dawn il-kunsinni."

(3) L-Annessi I, III, VIII u IX qed jiġu emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Annessi I, III, VIII u IX tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 qed jiġu emendati kif ġej:

(1) L-Anness I qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 tinbidel b'dan li ġej:

"PARTI 1

**Lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti**

| Kodiċi tal-ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju | Kodiċi tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment | Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment | Ċertifikat veterinarju | | Kundizzjonijiet speċifiċi | Kundizzjonijiet speċifiċi | | Status ta' sorveljanza tal-influwenza tat-tjur | Status ta' tilqim kontra l-influwenza tat-tjur | Status tal-kontroll tas-salmonella (6) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Mudell(i) | Garanziji addizzjonali | | Data tal-għeluq (1) | Data tal-ftuħ (2) | | | |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
| AL — L-Albanija | AL-0 | Il-pajjiż kollu | EP, E | | | | | | | S4 |
| AR — L-Arġentina | AR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | POU, RAT, EP, E | | | | | A | | S4 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| AU — L-Awstralja | AU-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPP, DOC, HEP, SRP, LT20 | | | | | | | S0, ST0 |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | POU | VI | | | | | | |
| | | | RAT | VII | | | | | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BR — Il-Brażil | BR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | BR-1 | L-Istati ta':<br>Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo u Mato Grosso do Sul | RAT, BPR, DOR, HER, SRA | | N | | | A | | |
| | BR-2 | L-Istati ta':<br>Mato Grosso, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo | BPP, DOC, HEP, SRP, LT20 | | N | | | | | S5, ST0 |
| | BR-3 | Id-Distrito Federal u l-Istati ta':<br>Goiás, Minas Gerais, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU | | N | | | | | S4 |
| BW — Il-Botswana | BW-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | RAT | VII | | | | | | |
| BY — Il-Belarussja | BY-0 | Il-pajjiż kollu | EP u E (it-tnejn 'għal tranżitu mil-Litwanja biss') | IX | | | | | | |
| CA — Il-Kanada | CA-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | CA-1 | Il-pajjiż kollu minbarra ż-żona CA-2 | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | N | | | A | | S1, ST1 |
| | | | POU, RAT | | N | | | | | |
| | CA-2 | It-territorju tal-Kanada li jikkorrispondi għaż-żoni li ġejjin: | | | | | | | | |
| | CA-2.1 | Iż-'Żona Primarja ta' Kontroll'<br>delimitata mill-konfini li ġejjin:<br>— fil-Punent, mill-Oċean Paċifiku;<br>— fin-Nofsinhar, mill-fruntiera mal-Istati Uniti tal-Amerka;<br>— fit-Tramuntana, minn Highway 16;<br>— fil-Lvant, mill-fruntiera ta' bejn il-Provinċja ta' British Columbia u l-Provinċja ta' Alberta. | WGM | VIII | P2 | 4.12.2014 | 9.6.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N, P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S1, ST1 |
| | CA-2.2 | Iż-żona fil-Provinċja ta' Ontario delimitata mill-konfini li ġejjin:<br>— minn County Road 119 fejn din tiltaqa' ma' County Road 64 u ma' 25th Line;<br>— minn 25th Line lejn it-Tramuntana sa fejn din tiltaqa' ma' Road 68, u minn hemm lejn il-Lvant f'Road 68 safejn din terġa' tiltaqa' ma' 25th Line u minn hemm lejn it-Tramuntana fi 25th Line sa 74 Road;<br>— lejn il-Lvant f'74 Road minn 25th Line sa 31st Line;<br>— lejn it-Tramuntana f'31st Line minn 74 Road sa 78 Road;<br>— lejn il-Lvant f'78 Road minn 31st Line sa 33rd Line;<br>— lejn it-Tramuntana ta' 33rd Line minn 78 Road sa 84 Road;<br>— lejn il-Lvant f'84 Road minn 33rd Line sa Highway 59; | WGM | VIII | P2 | 8.4.2015 | | | | |
| | | | POU, RAT | | N, P2 | | 8.10.2015 | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S1, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | — lejn in-Nofsinhar f'Highway 59 minn 84 Road sa Road 78;<br>— lejn il-Lvant f'Road 78 minn Highway 59 sa 13th Line;<br>— lejn in-Nofsinhar f'13th Line minn 78 Road sa Oxford Road 17;<br>— lejn il-Lvant f'Oxford Road 17 minn 13th Line sa Oxford Road 4;<br>— lejn in-Nofsinhar f'Oxford Road 4 minn Oxford Road 17 sa County Road 15;<br>— lejn il-Lvant ta' County Road 15, meta wieħed jaqsam Highway 401, minn Oxford Road 4 sa Middletown Line;<br>— lejn in-Nofsinhar ta' Middletown Line, meta wieħed jaqsam Highway 403, minn County Road 15 sa Old Stage Road;<br>— lejn il-Punent ta' Old Stage Road minn Middletown Line sa County Road 59;<br>— lejn in-Nofsinhar f'County Road 59 minn Old Stage Road sa Curries Road;<br>— lejn il-Punent f'Curries Road minn County Road 59 sa Cedar Line;<br>— lejn in-Nofsinhar ta' Cedar Line minn Curries Road sa Rivers Road;<br>— lejn il-Lbiċ ta' Rivers Road minn Cedar Line sa Foldens Line;<br>— lejn il-Majjistral ta' Foldens Line minn Rivers Road sa Sweaburg Road;<br>— lejn il-Lbiċ ta' Sweaburg Road minn Foldens Line sa Harris Street;<br>— lejn il-Majjistral ta' Harris Street minn Sweaburg Road sa Highway 401;<br>— lejn il-Punent ta' Highway 401 minn Harris Street sa Ingersoll Street (County Road 10);<br>— lejn it-Tramuntana ta' Ingersoll Street (County Road 10) minn Highway 401 sa County Road 119;<br>— tul County Road 119 minn Ingersoll Street (County Road 10) sal-punt tal-bidu fejn County Road 119 tiltaqa' ma 25th Line. | | | | | | | | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | CA-2.3 | Iż-żona fil-Provinċja ta' Ontario delimitata mill-konfini li ġejjin: | WGM | VIII | P2 | 8.4.2015 | 8.10.2015 | | | |
| | | — mill-punt fejn Township Road 4 taqsam Highway 401 lejn il-Punent sa Blandford Road; | POU, RAT | | N, P2 | | | | | |
| | | — lejn it-Tramuntana fi Blandford Road minn Township Road 4 sa Oxford-Waterloo Road;<br>— lejn il-Lvant f'Oxford-Waterloo Road minn Blandford Road sa Walker Road;<br>— lejn it-Tramuntana f'Walker Road minn Oxford-Waterloo Road sa Bridge St;<br>— lejn il-Lvant fi Bridge St minn Walker Road sa Puddicombe Road;<br>— lejn it-Tramuntana f'Puddicombe Road minn Bridge St sa Bethel Road;<br>— lejn il-Lvant f'Bethel Road minn Puddicombe Road sa Queen Street;<br>— lejn in-Nofsinhar fi Queen Street minn Bethel Road sa Bridge Street;<br>— lejn il-Lvant fi Bridge Street minn Queen Street sa Trussler Road;<br>— lejn in-Nofsinhar ta' Trussler Road minn Bridge Street sa Oxford Road 8;<br>— lejn il-Lvant ta' Oxford Road 8 minn Trussler Road sa Northumberland Street;<br>— lejn in-Nofsinhar f'Northumberland St minn Oxford Road 8, li tkompli fi Swan Street/Ayr Road, sa Brant Waterloo Road;<br>— lejn il-Punent fi Brant Waterloo Road minn Swan St/Ayr Road sa Trussler Road;<br>— lejn in-Nofsinhar fi Trussler Road minn Brant Waterloo Road sa Township Road 5;<br>— lejn il-Punent f'Township Road 5 minn Trussler Road sa Blenheim Road;<br>— lejn in-Nofsinhar fi Blenheim Road minn Township Road 5 sa Township Road 3;<br>— lejn il-Punent f'Township Road 3 minn Blenheim Road sa Oxford Road 22; | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S1, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | — lejn it-Tramuntana f'Oxford Road 22 minn Township Road 3 sa Township Road 4;<br>— lejn il-Punent f'Township Road 4 minn Oxford Road 22 sa Highway 401. | | | | | | | | |
| CH — L-Iżvizzera | CH-0 | Il-pajjiż kollu | ([3]) | | | | | A | | ([3]) |
| CL — Iċ-Ċilì | CL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | N | | | A | | S0, ST0 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | POU, RAT | | N | | | | | |
| CN — Iċ-Ċina | CN-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| | CN-1 | Il-Provinċja ta' Shandong | POU, E | VI | P2 | 6.2.2004 | — | | | S4 |
| GL — Greenland | GL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, WGM | | | | | | | |
| HK — Hong Kong | HK-0 | It-territorju kollu tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong | EP | | | | | | | |
| IL — Iżrael ([5]) | IL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, LT20 | X | N | | | A | | S5, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | SRP | | P3 | 18.4.2015 | | | | |
| | | | POU, RAT | X | N | | | | | |
| | | | WGM | VIII | P3 | 18.4.2015 | | | | |
| | | | E | X | | | | | | S4 |
| | | | EP | | | | | | | |
| IN — L-Indja | IN-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| IS — L-Iżlanda | IS-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| KR — Ir-Repubblika tal-Korea | KR-0 | Il-pajjiż kollu | EP, E | | | | | | | S4 |
| MD — Il-Moldova | MD-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| ME — Il-Montenegro | ME-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| MG — Madagascar | MG-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E, WGM | | | | | | | S4 |
| MY — Il-Malasja | MY-0 | — | — | | | | | | | |
| | MY-1 | Il-Peniżola tal-Punent | EP | | | | | | | |
| | | | E | | | | | | | S4 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MK — L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (4) | MK-0 (4) | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| MX — Il-Messiku | MX-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP | | P2 | 17.5.2013 | | | | |
| NA — In-Namibja | NA-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | RAT, EP, E | VII | | | | | | S4 |
| NC — New Caledonia | NC-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| NZ — New Zealand | NZ-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20, | | | | | | | S0, ST0 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | | | | | | S4 |
| PM — Saint Pierre u Miquelon | PM-0 | It-territorju kollu | SPF | | | | | | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| RS — Is-Serbja | RS-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| RU — Ir-Russja | RU-0 | Il-pajjiż kollu | EP, E, POU | | | | | | | S4 |
| | | | | | | | | | | |
| SG — Singapore | SG-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| TH — It-Tajlandja | TH-0 | Il-pajjiż kollu | SPF, EP | | | | | | | |
| | | | WGM | VIII | | | 1.7.2012 | | | |
| | | | POU, RAT | | | | 1.7.2012 | | | |
| | | | E | | | | 1.7.2012 | | | S4 |
| TN — It-Tuneżija | TN-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPP, LT20, BPR, DOR, HER | | | | | | | S0, ST0 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | | | | | | S4 |
| TR — It-Turkija | TR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UA — L-Ukrajna | UA-0 | Il-pajjiż kollu | EP, E, POU, RAT, WGM | | | | | | | |
| US — L-Istati Uniti | US-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | US-1 | It-territorju kollu tal-Istati Uniti minbarra t-territorju US-2 | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | POU, RAT | | N | | | | | |
| | | | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2 | Iż-żona tal-Istati Uniti li tikkorrispondi għal: | | | | | | | | |
| | US-2.1 | L-Istat ta' Washington:<br>Il-Kontea ta' Benton<br>Il-Kontea ta' Franklin | WGM | VIII | P2 | 19.12.2014 | 7.4.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.2 | L-Istat ta' Washington:<br>Il-Kontea ta' Clallam | WGM | VIII | P2 | 19.12.2014 | 11.5.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.3 | L-Istat ta' Washington: | WGM | VIII | P2 | 29.1.2015 | 16.6.2015 | | | |
| | | Il-Kontea ta' Okanogan (1): | POU, RAT | | N | | | | | |
| | | (a) **Fit-Tramuntana**: minn bejn US 97 WA 20 u S.Janis Road, ikser fuq il-lemin għal ġo S Janis Road. Ikser fuq ix-xellug għal ġo McLaughlin Canyon Road, imbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo Hardy Road, u mbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Chewilken Valley Road. | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | P2 | | | A | | S3, ST1 |
| | | (b) **Fil-Lvant**: Minn Chewilken Valley Road ikser fuq il-lemin għal ġo JH Green Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Hosheit Road, imbagħad erġa' ikser fuq ix-xellug għal ġo Tedrow Trail Road, u mbagħad ikser għal darb'oħra fuq ix-xellug għal ġo Brown Pass Road sal-fruntiera tat-territorju tat-Tribù ta' Colville. Imxi lejn il-Punent ma' din il-fruntiera u mbagħad imxi magħha lejn in-Nofsinhar sa ma taqsam l-US 97 WA 20. | | | | | | | | |
| | | (c) **Fin-Nofsinhar**: Ikser fuq il-lemin għal ġo US 97 WA 20, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Cherokee Road, u mbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo Robinson Canyon Road. Ikser fuq ix-xellug għal ġo Bide A Wee Road, imbagħad erġa' ikser fuq ix-xellug għal ġo Duck Lake Road, imbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo Soren Peterson Road, u mbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Johnson Creek Road, u mbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo George Road. Ikser fuq ix-xellug għal ġo Wetherstone Road u mbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo Eplay Road. | | | | | | | | |
| | | (d) **Fil-Punent**: Minn Eplay Road ikser fuq il-lemin għal ġo Conconully Road/6th Avenue N., imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Green Lake Road, imbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo Salmon Creek Road, u mbagħad erġa' ikser fuq il-lemin għal ġo Happy Hill Road u mbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Conconully Road (li tieħdok Main Street). Ikser fuq il-lemin għal ġo Broadway, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo C Street, u wara ikser fuq il-lemin għal ġo Lake Street E, imbagħad erġa' ikser fuq il-lemin għal ġo Sinlahekin Road, imbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo S. Fish Lake Road, u mbagħad ikser għal darb'oħra fuq il-lemin għal ġo Fish Lake Road. Ikser fuq ix-xellug għal ġo N. Pine Creek Road, imbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo Henry Road (li tieħdok N. Pine Creek Road), imbagħad erġa' ikser fuq il-lemin għal ġo Indian Springs Road, u mbagħad ikser għal darb'oħra fuq il-lemin għal ġo Hwy 7 biex tispiċċa f'US 97 WA 20. | | | | | | | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.4 | L-Istat ta' Washington:<br>Il-Kontea ta' Okanogan (2):<br>(a) **Fit-Tramuntana**: Imxi lejn il-Lvant mal-fruntiera tal-Kanada mill-punt minn fejn l-US Hwy 95 taqsam il-fruntiera mal-Kanada, u mbagħad dur fuq il-lemin għal ġo 9 Mile Road (County Hwy 4777).<br>(b) **Fil-Lvant**: Minn 9 Mile Road ikser fuq il-lemin għal ġo Old Hwy 4777 li tagħti għan-Nofsinhar għal ġo Molson Road. Ikser fuq il-lemin għal ġo Chesaw Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Forest Service 3525, u mbagħad erġa' ikser fuq ix-xellug għal ġo Forest Development Road 350, li tispiċċa fil-Forest Development Road 3625. Minn hemmhekk imxi lejn il-Punent u ikser fuq ix-xellug għal ġo Forest Service 3525, imbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo Rone Road, u wara erġa' ikser fuq il-lemin għal ġo Box Spring Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Mosquito Creek Road u fl-aħħar ikser fuq il-lemin għal ġo Swanson Mill Road.<br>(c) **Fin-Nofsinhar**: Minn Swanson Mill Road ikser fuq ix-xellug għal ġo O'Neil Road u wara imxi lejn in-Nofsinhar f'97N. Ikser fuq il-lemin għal ġo Ellis Forde Bridge Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Janis Oroville (SR 7), wara ikser fuq il-lemin għal ġo Loomis Oroville Road, u erġa' ikser fuq il-lemin għal ġo Wannact Lake Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Ellemeham Moutain Road, u erġa' ikser fuq ix-xellug għal ġo Earth Dam Road, imbagħad ikser għal darba oħra fuq ix-xellug għal ġo triq bla isem, imbagħad ikser fuq il-lemin għal ġo triq bla isem, erġa' ikser fuq il-lemin għal ġo triq oħra bla isem, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo triq bla isem u wara ikser għal darb'oħra fuq ix-xellug għal ġo triq oħra bla isem.<br>(d) **Fil-Punent**: Mit-triq bla isem ikser fuq il-lemin għal ġo Loomis Oroville Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal ġo Smilkameen Road sal-fruntiera tal-Kanada. | WGM | VIII | P2 | 3.2.2015 | 6.5.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | P2 | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.5 | L-Istat ta' Oregon:<br>Il-Kontea ta' Douglas | WGM | VIII | P2 | 19.12.2014 | 23.3.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | P2 | | | A | | S3, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.6 | L-Istat ta' Oregon:<br>Il-Kontea ta' Deschutes | WGM | VIII | P2 | 14.2.2015 | 19.5.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.7 | L-Istat ta' Oregon:<br>Il-Kontea ta' Malheur | WGM | VIII | P2 | 20.1.2015 | 11.5.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | | L-Istat ta' Idaho:<br>Il-Kontea ta' Canyon<br>Il-Kontea ta' Payette | WGM | VIII | P2 | | | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.8 | L-Istat ta' California:<br>Il-Kontea ta' Stanislaus/Il-Kontea ta' Tuolumne:<br>Żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt N fuq il-fruntiera ċirkolari taż-Żona ta' Kontroll u li testendi favur l-arloġġ:<br>(a) **fit-Tramuntana**: 2,5 mili lejn il-Lvant minn bejn State Hwy. 108 u Williams Road;<br>(b) **fil-Grigal**: 1,4 mili lejn ix-Xlokk minn bejn Rock River Dr. u Tulloch Road; | WGM | VIII | P2 | 23.1.2015 | 5.5.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (c) **fil-Lvant**: 2,0 mili lejn il-Majjistral minn bejn Milpitas Road u Las Cruces Road;<br><br>(d) **fix-Xlokk**: 1,58 mil lejn il-Lvant mit-tarf tat-Tramuntana ta' Rushing Road;<br><br>(e) **fin-Nofsinhar**: 0,70 mil lejn in-Nofsinhar minn bejn State Highway132 u Crabtree Road;<br><br>(f) **fil-Lbiċ**: 0,8 mili lejn ix-Xlokk minn bejn Hazel Dean Road u Loneoak Road;<br><br>(g) **fil-Punent**: 2,5 mili lejn il-Lbiċ minn bejn Warnerville Road u Tim Bell Road;<br><br>(h) **fil-Majjistral**: 1,0 mil lejn ix-Xlokk minn bejn CA-120 u Tim Bell Road. | | | | | | | | |
| | US-2.9 | L-Istat ta' California: | WGM | VIII | P2 | 12.2.2015 | 26.5.2015 | | | |
| | | Il-Kontea ta' Kings: | POU, RAT | | N | | | | | |
| | | Żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt N fuq il-fruntiera ċirkolari taż-Żona ta' Kontroll u li testendi favur l-arloġġ:<br><br>(a) **fit-Tramuntana**: 0,58 mil lejn it-Tramuntana minn Kansas Avenue;<br><br>(b) **fil-Grigal**: 0,83 mil lejn il-Lvant miż-żona CA-43;<br><br>(c) **fil-Lvant**: 0,04 mili lejn il-Lvant mill-5th Avenue;<br><br>(d) **fix-Xlokk**: 0,1 mili lejn il-Lvant minn bejn Paris Avenue u 7th Avenue;<br><br>(e) **fin-Nofsinhar**: 1,23 mil lejn it-Tramuntana minn Redding Avenue;<br><br>(f) **fil-Lbiċ**: 0,6 mili lejn il-Punent minn bejn Paris Avenue u 15th Avenue;<br><br>(g) **fil-Punent**: 1,21 mil lejn il-Lvant minn 19th Avenue;<br><br>(h) **fil-Majjistral**: 0,3 mili lejn it-Tramuntana minn bejn Laurel Avenue u 16th Avenue. | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | P2 | | | A | | S3, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.10 | L-Istat ta' Minnesota: | WGM | VIII | P2 | 5.3.2015 | | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.11.1 | L-Istat ta' Missouri:<br>Il-Kontea ta' Barton<br>Il-Kontea ta' Jasper | WGM | VIII | P2 | 8.3.2015 | 18.6.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.11.2 | L-Istat ta' Missouri:<br>Il-Kontea ta' Moniteau<br>Il-Kontea ta' Morgan | WGM | VIII | P2 | 10.3.2015 | 11.6.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.11.3 | L-Istat ta' Missouri:<br>Il-Kontea ta' Lewis | WGM | VIII | P2 | 5.5.2015 | 20.9.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.13 | L-Istat ta' Arkansas:<br>Il-Kontea ta' Boone<br>Il-Kontea ta' Marion | WGM | VIII | P2 | 11.3.2015 | 13.7.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.14 | L-Istat ta' Kansas:<br>Il-Kontea ta' Leavenworth<br>Il-Kontea ta' Wyandotte | WGM | VIII | P2 | 13.3.2015 | 12.6.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.15 | L-Istat ta' Kansas:<br>Il-Kontea ta' Cherokee<br>Il-Kontea ta' Crawford | WGM | VIII | P2 | 9.3.2015 | 18.6.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.16 | L-Istat ta' Montana:<br>Il-Kontea ta' Fergus<br>Il-Kontea ta' Judith Basin | WGM | VIII | P2 | 2.4.2015 | 2.7.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.17 | L-Istat ta' North Dakota:<br>Il-Kontea ta' Dickey<br>Il-Kontea ta' La Moure | WGM | VIII | P2 | 11.4.2015 | 27.7.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | | | S3, ST1 |
| | US-2.18 | L-Istat ta' South Dakota:<br>Il-Kontea ta' Beadle<br>Il-Kontea ta' Bon Homme<br>Il-Kontea ta' Brookings<br>Il-Kontea ta' Brown<br>Il-Kontea ta' Hutchinson<br>Il-Kontea ta' Kingsbury<br>Il-Kontea ta' Lake<br>Il-Kontea ta' McCook<br>Il-Kontea ta' McPherson<br>Il-Kontea ta' Minnehaha<br>Il-Kontea ta' Moody<br>Il-Kontea ta' Roberts<br>Il-Kontea ta' Spink<br>Il-Kontea ta' Yankton | WGM | VIII | P2 | 1.4.2015 | 10.9.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.19.1 | L-Istat ta' Wisconsin:<br>Il-Kontea ta' Barron | WGM | VIII | P2 | 16.4.2015 | 18.8.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.19.2 | L-Istat ta' Wisconsin:<br>Il-Kontea ta' Jefferson | WGM | VIII | P2 | 11.4.2015 | 17.8.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.19.3 | L-Istat ta' Wisconsin:<br>Il-Kontea ta' Chippewa | WGM | VIII | P2 | 23.4.2015 | 29.7.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N,<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.19.4 | L-Istat ta' Wisconsin:<br>Il-Kontea ta' Juneau | WGM | VIII | P2 | 17.4.2015 | 6.8.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N,<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |
| | US-2.20.1 | L-Istat ta' Iowa:<br>Il-Kontea ta' Buena Vista<br>Il-Kontea ta' Calhoun<br>Il-Kontea ta' Cherokee<br>Il-Kontea ta' Clay<br>Il-Kontea ta' Dickinson<br>Il-Kontea ta' Emmet<br>Il-Kontea ta' Hamilton<br>Il-Kontea ta' Hardin | WGM | VIII | P2 | 14.4.2015 | 11.11.2015 | | | |
| | | | POU, RAT | | N<br>P2 | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 | | | | | A | | S3, ST1 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6 A | 6 B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
